



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 30 ta' Marzu 2020  
(OR. en)**

**2020/0044 (COD)  
LEX 1994**

**PE-CONS 6/1/20  
REV 1**

**REGIO 31  
ECOFIN 205  
FIN 162  
SOC 163  
EMPL 134  
SAN 105  
CODEC 205**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-  
REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 2012/2002 SABIEX JIPPROVDI ASSISTENZA  
FINANZJARJA LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-PAJJIŻI LI QED JINNEGOZJAW L-  
ADEŻJONI TAGĦHOM MAL-UNJONI LI JKUNU AFFETTWATI SERJAMENT MINN  
EMERĠENZA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA MAĠĠURI**

**REGOLAMENT (UE) 2020 / ...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-30 ta' Marzu 2020**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza  
finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinneogzjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni  
li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2020 [ĠU]/(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020.

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għe stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002<sup>1</sup>. Il-Fond inħoloq biex jipprovdi assistenza finanzjarja lil Stati Membri wara diżastri maġġuri, bħala sinjal konkret ta' solidarjetà Ewropea f' sitwazzjonijiet ta' diffikultà.
- (2) Fil-każ ta' emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri, jenħtieġ li l-Unjoni turi s-solidarjetà tagħha ma' Sstati Membri u l-popolazzjoni kkonċernata billi tipprovdi assistenza finanzjarja biex tgħin il-popolazzjoni affettwata, biex tikkontribwixxi għal ritorn rapidu lejn kundizzjonijiet ta' għajxien normali fir-reġjuni affettwati u biex trażżan it-tixrid ta' mard infettiv.
- (3) Jenħtieġ li l-Unjoni turi wkoll is-solidarjetà fil-każ ta' emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri mal-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni.
- (4) Sitwazzjoni ta' kriżi maġġuri tista' tirriżulta minn emerġenzi tas-saħħa pubblika, b' mod partikolari pandemija virali ddikjarata uffiċjalment. Il-Fond jippermetti lill-Unjoni tgħin fil-mobilizzazzjoni tas-servizzi ta' emerġenza biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet immedjati tan-nies u biex tikkontribwixxi għar-restawr fit-terminu qasir tal-infrastruttura ewlenija danneġġata sabiex l-attività ekonomika tkun tista' tibda mill-ġdid fir-reġjuni milqutin mid-diżastru. Madanakollu, dak il-Fond bħalissa huwa limitat għal diżastri naturali li jikkawżaw ħsara fiżika u ma jinkludix diżastri maġġuri minħabba perikli bijoloġiċi. Jenħtieġ li jkun hemm provvedimenti biex l-Unjoni tkun tista' tintervjeni fil-każ ta' emerġenzi ta' saħħa pubblika maġġuri.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

- (5) L-għan tal-azzjoni li trid tittieħed huwa li tikkomplementa l-isforzi tal-Istati kkonċernati f'każijiet bħal dawn meta l-effetti ta' sitwazzjoni ta' kriżi jkunu ta' tali gravità li daww l-Istati ma jkunux jistgħu jindirizzaw is-sitwazzjoni permezz tal-mezzi tagħhom stess waħedhom. Minħabba li dak l-għan ma jistax jinkiseb b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (6) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-azzjoni skont dan ir-Regolament tkun limitata għal emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri. Daww l-emerġenzi jenħtieġ li jiġu definiti skont il-bażi tan-nefqa pubblika meħtieġa biex jiġu indirizzati.
- (7) Jenħtieġ li l-assistenza tal-Unjoni tkun komplementari għall-isforzi tal-Istati kkonċernati u tintuża sabiex tkopri sehem min-nefqa pubblika impenjata biex tittratta l-aktar operazzjonijiet ta' emerġenza essenzjali li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ta' emerġenza.
- (8) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-assistenza tal-Unjoni tingħata biss wara applikazzjoni mill-Istat affettwat. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura trattament ekwu tat-talbiet ippreżentati mill-Istati.

- (9) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni rapida li timpenja riżorsi finanzjarji speċifiċi u li timmobilizzahom malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ għalhekk li d-dispożizzjonijiet eżistenti biex isiru l-ħlasijiet bil-quddiem jissaħħu billi jiżdiedu l-ammonti tagħhom.
- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (11) Fid-dawl tat-tifqigħa COVID-19 u tal-urġenza biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2012/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### *“Artikolu 2*

1. Wara talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “Stat eliġibbli”, l-assistenza mill-Fond tista' tiġi mobilizzata meta jseħħu riperkussjonijiet serji għall-kundizzjonijiet tal-għajxien, is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun wieħed jew iktar ta' dak l-Istat eliġibbli bħala konsegwenza ta':
  - (a) diżastru naturali maġġuri jew reġjonali li jkun seħħ fit-territorju tal-istess Stat eliġibbli jew ta' Stat eliġibbli ġar; jew
  - (b) emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri li tkun seħħet fit-territorju tal-istess Stat eliġibbli.

Ħsara diretta kkawżata bħala l-konsegwenza diretta ta' diżastru naturali għandha titqies bħala parti mill-ħsara kkawżata minn dak id-diżastru naturali.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “diżastru naturali maġġuri” tfisser kwalunkwe diżastru naturali li, fi Stat eliġibbli, jirriżulta fi ħsara diretta stmata jew iktar minn EUR 3 000 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew iktar minn 0,6 % tad-DNG tiegħu.
- 2a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “emerġenza ta' saħħa pubblika maġġuri” tfisser kull periklu ta' theddid għall-ħajja jew ta' periklu serju ieħor għas-saħħa ta' oriġini bijoloġika fi Stat eliġibbli li jaffettwa b' mod serju s-saħħa tal-bniedem u li jeħtieġ azzjoni deċiżiva biex jitrażżan it-tixrid ulterjuri, li jirriżulta f'piż finanzjarju pubbliku impost fuq l-Istat eliġibbli għal miżuri ta' rispons għal emerġenza li jkun stmat li jkun aktar minn EUR 1 500 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew aktar minn 0,3 % tad-DNG tiegħu.
3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “diżastru naturali reġjonali” tfisser kwalunkwe diżastru naturali li, f'reġjun ta' livell NUTS 2 ta' Stat eliġibbli, jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' dak ir-reġjun.

B' deroga mill-ewwel subparagrafu, meta r-reġjun ikkonċernat, fejn ikun seħħ diżastru naturali, ikun reġjun ultraperiferiku fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, “diżastru naturali reġjonali” tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1% tal-PDG ta' dak ir-reġjun.

Meta d-diżastru naturali jkun jikkonċerna bosta reġjuni ta' livell NUTS 2, il-limitu minimu għandu jiġi applikat għall-medja tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni, ponderata skont is-sehem tal-ħsara totali f'kull reġjun.

4. L-assistenza mill-Fond tista' tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li jkun ukoll diżastru naturali maġġuri fi Stat eliġibbli ġar.
5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża d-*data* statistika armonizzata pprovduta mill-Eurostat.”.

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “1. L-assistenza għandha tiegħu l-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond. Għal kull diżastru jew emerġenza eliġibbli għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja waħda lil Stat eliġibbli.
2. L-għan tal-Fond huwa li jikkomplementa l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħin lill-Istat eliġibbli jwettaq, skont it-tip ta' diżastru jew emerġenza eliġibbli, l-operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza u rkupru li ġejjin:
  - (a) ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti biex jergħu jiġu jiffunzjonaw fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;



- (b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;
- (c) l-iżgurar ta' infrastruttura preventiva u ta' miżuri ta' protezzjoni ta' wirt kulturali;
- (d) it-tindif ta' żoni milquta minn diżastri, inklużi żoni naturali, f'konformità, meta jkun il-każ, ma' approċċi bbażati fuq l-ekosistema, kif ukoll ir-restawr immedjat ta' żoni naturali affettwati biex jiġu evitati effetti immedjati mill-erożjoni tal-ħamrija;
- (e) miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu assistenza rapida, inkluż dik medika, lill-popolazzjoni affettwata minn emerġenza ta' saħħa pubblika maġġuri u li jipproteġu lill-popolazzjoni mir-riskju li tiġi affettwata, inkluż il-prevenzjoni, il-monitoraġġ jew il-kontroll tat-tixrid tal-mard, il-ġlieda kontra riskji serji għas-saħħa pubblika jew il-mitigazzjoni tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa pubblika.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, “restawr biex jerġġhu jiġu jiffunzjonaw” tfisser ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti għall-kundizzjoni tagħhom ta' qabel ma seħħ id-diżastru naturali. Meta ma jkunx legalment possibbli jew ekonomikament ġustifikat li tinġab lura l-kondizzjoni għal kif kienet qabel ma seħħ id-diżastru naturali, jew meta l-istat benefiċjarju jiddeċiedi li jirriloka jew itejjeb il-funzjonalità tal-infrastruttura jew l-impjant affettwat sabiex itejjeb il-kapaċità tagħhom biex ikunu jifilħu għal diżastri naturali futuri, il-Fond jista' jikkontribwixxi għall-ispiża tar-restawr biss sal-ispiża stmata biex jinġab lura l-*istatus quo ante* tagħhom.

Spejjeż li jaqbz u l-livell tal-ispiża msemmija fit-tieni subparagrafu għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istat benefiċjarju mill-fondi tiegħu stess, jew meta jkun possibbli, minn fondi oħra tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, “akkomodazzjoni temporanja” tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm in-nies tal-popolazzjoni kkonċernata jkunu jistgħu jirritormaw fid-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu saru t-tiswijiet tagħhom jew ikunu nbnew mill-ġdid.”.

(3) Fl-Artikolu 4a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-ammont tal-ħlas bil-quddiem ma għandux jaqbeż il-25 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata u fl-ebda każ ma għandu jaqbeż EUR 100 000 000. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra s-somma tal-ħlas bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu indebitament.”.

4. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perijodu ta' 18-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat benefiċjarju għandu jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond b'dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa, filwaqt li jindika kwalunkwe sors ta' finanzjament ieħor li jkun wasal għall-operazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-saldi ta' assigurazzjonijiet u kumpens minn partijiet terzi.

Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni għandu jistipula, skont in-natura tad-diżastru jew l-emerġenza eliġibbli:

- (a) il-miżuri preventivi, meħudin jew proposti mill-Istat benefiċjarju biex jillimita l-ħsara futura u biex jevita, kemm jista' jkun, ir-rikorrenza ta' diżastri naturali jew emerġenzi tas-saħħa pubblika simili, inkluż l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għal din il-fini;
- (b) l-istat ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri;
- (c) l-esperjenza miksuba mid-diżastru jew l-emerġenza u l-miżuri meħudin jew proposti biex ikunu żgurati l-protezzjoni u r-reżiljenza ambjentali rigward it-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali u l-emerġenzi tas-saħħa pubblika; u
- (d) kull informazzjoni rilevanti oħra dwar miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni meħudin relatati man-natura tad-diżastru naturali jew l-emerġenza tas-saħħa pubblika.

Ir-rapport ta' implimentazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn opinjoni ta' korp tal-awditjar indipendenti, imfassla skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, li tistabbilixxi jekk id-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa ta' tagħtix dehra reali u ġusta u jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond tkunx legali u regolari, f'konformità mal-Artikoli 59(5) u 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Fi tmiem il-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha ttemm l-assistenza mill-Fond.”

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*